MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 137/2004

Avviz Nru 137/04DM

Pater Finance Co. Ltd.

Vs

Donald Muscat

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tlett liri Maltin (Lm1.603) rappresentanti import ta' tmintax (18) il-kambjala, wahda ta' tlieta u sebghin lira Maltin (Lm73) u sbatax (17) ta' disghin lira Maltin (Lm90) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2002 sa Marzu 2004 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-avviz bhala dokumenti min-numru (1) sa numru (18) konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambajala li sat-2 ta' Marzu, 2004, kienu jammontaw ghal disgha u sittin lira Maltin (Lm96), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Qbid ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici  u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ukoll id-dokumenti esebiti mill-atturi, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qieghda tilqa' it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, sitt mija u tlett liri Maltin (Lm1,603).

Inoltre tikkundannah ihallas l-imghax legali li sat-2 ta' Marzu, 2004, jammonta ghas-somma ta' sitta u disghin lira Maltin (Lm96) bl-imghax ulterjuri mit-3 ta' Marzu, 2004, sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------